**Qed nistenna**

Qiegħed bilqiegħda nistenna
U n-nies deħlin bil-ħlewwa
Il-ħaddiema tant puliti
Jidher li kollox sewwa.

Qiegħed komdu fuq pultruna
Bħalha m'għandix il-kunvent,
Kemm nixtieq noħodha miegħi
Ngħid tagħmilni ftit kuntent.

Hawn l-arja kkundizzjonata
Arja friska tarmili,
Ħaġa waħda xtaqt li għandi
Xagħri qarabasili.

Biex ingawdu dal-frisk ħelu
Li nieżel fuqi hawn ġew,
Għax la noħroġ niġri l'barra
Nixxarrab bl-għaraq, mhux sew.

Imma s-sewwa Alla jagħmlu
Ħa nibqa' kwiet nistenna,
Għax kif jgħid dak il-proverbju:
"Min jistenna jithenna".

Hekk hi l-ħajja biss stennija
Għall-mument importanti,
Nitilqu b'fuqna senduqna
Jiftakruna mis-santi.

U mela ejjew napprezzaw
Kull jum l'jgħaddi minn fuqna,
Ħalli meta jiġu l-anġli
Imeħħija jsibuna.

Kelma tajba u tbissima
Lil kulħadd nagħtu ikoll,
Għax ix-xemx xorta għad titla'
Ħalli kliemna l-qlub iħoll.

Meta nidhru għall-ġudizzju
Ħajjitna tmur għall-hena,
Mhux bilfors jekk minn dil-ħajja
Tgħallimt l'għandi nistenna?

Patri Mario Attard OFM Cap

19 ta’ Novembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.